MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 563/2004

**Korporazzjoni Enemalta**
**Vs**
**Joe Cachia**

It-Tribunal,

Ra l-avviż fl-ismijiet premessi preżentat fil-15 ta' Marzu, 2004 fejn is-soċjeta` attriċi talbet sabiex il-konvenut jiġi ordnat iħallas is-somma ta' Lm 223. 78 (mitejn u tlieta u għoxrin lira Maltija u tmienja u sebgħin ċenteżmu) rappreżentanti danni sofferti f'earth mat projeta' tal-Korporazzjoni attriċi, nhar it-2 ta' Ottubru, 2002.

Fl-Avviż tat-talba intqal illi:-

L-konvenut għandu jħallas lill-Korporazzjoni attriċi s-somma ta' Lm 223. 78 (mitejn u tlieta u għoxrin lira Maltija u tmienja u sebgħin ċenteżmu) in linea ta' danni sofferti f'earth mat propjeta' tal-Korporazzjoni attriċi, nhar it-2 ta' Ottubru, 2002 ġewwa Triq M. Murray, Birguma.

Bl-ispejjeż kompriżi dawk ta’ l-ittra uffiċjali ta’ l-24 ta’ Settembru, 2003, bl-imgħax legali dekoribbli mid-data ta’ l-istess ittra u bil-konvenut inġunt għas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut Joe Cachia fejn ingħad illi:-

T-talba tas-soċjeta’ attriċi fil-konfront tal-konvenut hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, stante li l-konvenut ma huwiex il-leġittimu kontradittur u għalhekk għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju;

Di piu u mingħajr preġudizzju għall-premess, il-konvenut m’huwiex responsabbli għal xi allegati danni sofferti mis-soċjeta’ attriċi fi propjeta’ tagħha, nhar it-2 ta’ Ottubru, 2002 fi Triq M. Murray, Birguma.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjeż kontra s-soċjeta’ attriċi.

Sema` x-xhieda u eżamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi l-punt ta' kontestazzjoni f'din il-kawża m'huwiex jekk il-ħsara kaġunata fil-propjeta' tas-soċjeta’ attriċi ġietx kaġunata jew le iżda min effettivament għandu jirrispondi għall-istess.

Illi l-korporazzjoni attriċi meta tkun rinfaċċjata b'xi ħsara hija proċedura li tagħmel rapporti fl-għassa tal-Pulizija fir-raħal fejn saret il-ħsara u dawna jinvestigaw da parti taghhom.

Jirriżulta mir-rapport esebit a fol. 40 et seq tal-proċess illi l-Pulizija wara li vverifikaw il-proprjetarji ta’ l-apparat mekkaniku li kien fuq il-post, irriżultalom li kien ċertu Joseph Cachia l-odjern konvenut. Meta ġie komunikat miegħu mill-Pulizija stess, dana assuma r-responsabbilta' li jagħmel tajjeb għall-istess ħsarat. Din ix-xhieda ġiet konfermata mill-istess Pulizija seduta stante, pero' l-konvenut innega dan kollu meta xehed quddiem dan it-Tribubal.

L-eċċezzjoni tal-konvenut hija fis-sens li m'huwiex il-leġittimu kuntradittur. Di fatti fix-xhieda tiegħu ammetta illi m'humiex tiegħu il-ħaddiema li ħadmu fuq il-post u kkaġunaw il-ħsara iżda kienu ta' kumpanija tiegħu bl-isem ta' Power Cut Limited u li kien qed jagħmel ix-xogħol taħt kuntratt ma' ċerta Penza Construction Limited.

Una volta li qed jeċċepixxi li ma kienx il-persuna idonea biex jikkontesta t-talbiet attriċi, stava a lui illi jikkjama fil-kawża dak il-persuna fiżika jew legali sabiex tkun tista' tirrispondi għat-talbiet attriċi.
Is-soċjeta' attriċi f'każijiet simili meta ma tkunx taf min effettivament ikun qed jagħmel ix-xogħol, f'isem min u / jew a inkargu ta' min, għax jirriżulta wkoll mill-investigazzjonijiet li jsiru li tali nformazzjoni qatt ma tingħata. Di fatti fil-każ odjern meta tkellmu miegħu il-Pulizija jew il-foreman ta' l-Enemalta, il-konvenut qatt ma allega illi ma kienx qed jidher hemm hekk fil-kwalita' tiegħu personali iżda f'isem soċjeta' konvenuta. Liema soċjeta' konvenuta kienet propjeta' tieghu stess u liema ħaddiema kienu ħaddiema ta' l-istess kumpanija. Allura fil-każ odjern l-istess konvenut m'għandux japprofitta ruhu mill-pożizzjoni legali li qiegħed jinvoga u iħalliha daqshekk biss mingħajr ma jieħu l-isbrigu li jikkjama fil-kawża l-persuna legali propia biex tirrispondi għat-talbiet attriċi.

Dan l-oneru m'għandux jiġi skarigat mill-konvenut fuq is-soċjeta' attriċi peress li kif ġja ingħad dina ma tkunx taf min għamel ix-xogħolijiet jew f'isem min isiru l-istess.

Jiddeċ iedi għalhekk una volta illi l-kwantum tad-danni ma ġiex kontestat illi jiddikjara l-konvenut responsabbli għad-danni sofferti tas-soċjeta' attriċi, jiċħad l-eċċezjoni tal-konvenut, jilqa' t-talbiet attriċi, jikkundannah iħallas is-somma ta' mitejn u tlieta u għoxrin lira u tmienja u sebgħin ċenteżmu (Lm223.78) bl-ispejjeż u nteressi kontra l-istess konvenut, b'riżerva si et quatemus u rispettanti, lill-konvenut li jfittex lis-soċjeta' Power Cut Limited u / jew Penza Construction Limited.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------